“Duru! Issa!” ordna l-leħen. “Rotta: Grieg it-Tramuntana!” Il-leħen kien ġej mill-baħar. Il-mewġ tħabat mal-ġenb tad-dgħajsa li fuqha Miki kien mistrieħ. Miki kellu burdata ħażina: “Xi dwejjaq hawn, qatt ma jiġri xejn!” Min jaf, forsi ta’ min jagħti daqqa t’għajn ’il barra?

Il-leħen kien qed joqrob. “Issikkaw il-ħbula!” instema’ jgħid il-leħen.

Miki għolla rasu. Ra xini riesaq u fuqu kien hemm – pirata!
Kien pirata kemxejn ċkejken. U x-xini kien, fil-fatt, xini tal-pirati. Xini ċkejken tal-pirati. Tant kien fil-qrib li Miki seta’ jħares dritt f’għajnejn iċ-ċkejken pirata.





“Aqbżu abbord!” għajjat iċ-ċkejken pirata, huwa u jitfa’ l-ganċ għal mad-dgħajsa ta’ Miki. “M’għandekx ċans!” wieġeb Miki. “U mela!” reġa’ l-pirata, did-darba b’leħen idamdam. “Għalihom, ħa nattakkawhom!”

Ġibed il-ganċ u x-xini tal-pirati trakka maġenb id-dgħajsa ta' Miki.
"Għalihom!" reġa' għajjat.

" 'Il min qed tkellem?" saqsa Miki. Għal xi raġuni, 'qas xejn ma kien qed jibża'.
"Lil niesi. Għalihom!" għajjat mill-ġdid il-pirata. U fil-pront, minn ġol-kabina hareġ far kbir – far kbir ħafna. Kixef snienu lejh, imbagħad daħal lura ġol-kabina. Fuq l-arblu kien hemm pappagall.



"Jiena l-Pirata Sharky, il-King tal-Ibħra." Il-leħen tal-pirata issa kien ħafn'aktar qawwi. Tela' jiġri bħal vleġġa fuq id-dgħajsa ta' Miki u ġibed iċ-ċintorin minn mal-qalziet.

